MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2006

Numru 473/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**V**

**JASON TABONE**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JASON TABONE** ta' erbgha w tletin sena bin Alfred w Antonia nee Zarb imwieled il-Belt Valletta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 1970 u residenti 21, 'Notre Dame de Lordes', Triq Guseppi Xuereb Xludi, Swatar, detentur tal-karta tal-identita numru 315570M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar l-ewwel ta' Marzu 2005, ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart fil-bini tal-Qorti l-Belt Valletta, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Francis Fava, bhala ufficjal inkarigat skond l-

ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien ghamel dan s-servizz, jewbil-hsiebn li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

2. Talli fl-istess post, data u hin attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hekk ta’ xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra Francis Fava bhala persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Talli fl-istess post, data u hin kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u storbju kif wkoll dagha u kliem fahxi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta’ Novembru 2005 [fol 17] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005 [fol 11].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2006.

Ikkunsidrat;

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2005, **xehed Francis Fava** [fol 12] fejn beda biex jghid li hu kien qed jahfer lil imputat ghal dak kollu li ghamillu pero b’garanzija li ma jergax ikellmu.  Zied jghid li dakinhar tal-incident hu kien ghassa bhala *security guard* fil-bini tal-Qorti u kienet marret sinjorina u staqsietu biex tidhol l-Qorti.  Qalilha li

minn hemm u cioe minn fejn riedet tghaddi, ma setghetx tghaddi peress li hu ma kienx jafha. Kompla jghid li kien hemm l-imputat odjern li qallu biex jhalliha tghaddi u hu rrispondih li ma setghax jhalliha tghaddi minn hemmhekk peress li dak l-passagg kien biss accessibbli ghal avukati w ghal istaff tal-Qorti.

Dak l-hin l-imputat ghadda biex imur lejn l-Qorti tal-Familja b'processi f'idejh u beda jkellmu hazin. Xehed li hu rrispondih lura bi kliem hazin wkoll. Dak l-hin l-imputat pogga l-processi fl-art u mar jaghti b'idejh fuq rasu. Xehed li dan l-incident, li gara fil-bini tal-Qorti, rawh wkoll xi avukati li kien hemm presenti bhala Dottor Veronica Galea Debono u Dottor Raphael Fenech Adami. Mistoqsi jekk hu imbuttax xi bieb hu u hiereg l-imputat, x-xhud wiegeb li ma ghamel xejn minn dan. Mistoqsi jekk l-imputat kienx weggha idejh f'dan l-incident, ix-xhud wiegeb li jista jkun bid-daqqiet li tah fuq rasu b'idejh.

**L-Ispettur Josric Mifsud xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 [fol 14] fejn spjega li nhar l-erbatax ta' Marzu 2005, kien ircieva kwerela minghand Francis Fava li fl-ewwel ta' Marzu 2005, kien hemm glieda bejnu u bejn l-imputat odjern fejn fiha stqarr li l-imputat kien hebb ghalih. Sussegwentement fuq dan ir-rapport hu kien baghat ghal imputat li rrilaxxja stqarrija. Fil-kors tal-istqarrija, l-imputat kien qal li waqt li kien fil-bini tal-Qorti, kien hemm sinjorina li kien jafha li xtaqet tidhol mill-bieb li jaghti ghar-Registru tal-Qorti. Skond l-imputat, din is-sinjorina kienet tahdem hemmhekk sa ftit taz-zmien qabel. L-imputat kien qalu li hu kien gibed l-attenzjoni ta' Francis Fava min kienet sabiex jhalliha tidhol pero Francis Fava kien irrispondih fis-sens li hu kien jaf x'kien qed jaghmel u biex hu [l-imputat] ma jindahalx f'xogholu. Skond l-imputat hu hassu urtat b'dan il-kliem pero baqa hiereg l' barra mill-bieb ta' isfel u Francis Fava mar ghal warajh jinsulentah waqt li kien fit-triq. Dak l-hin l-imputat dar lura w imbotta b'id wahda lil Francis Fava minn wiccu waqt li baqa jzomm l-process li kellu f'idu l-ohra u gew fl-idejn. Mistoqsi jekk hu kellimx lil Francis Fava l-imputat kien irrisponda li kellmu b'mod verbali.

Ix-xhud zied jghid li l-versjoni li kien ta’ Francis Fava kienet totalment differenti ghaliex qal li l-imputat kien hebb ghalih u kien aggressiv mieghu. Mistoqsi jekk Francis Fava kien qallu li sabbat xi bieb f’wicc l-imputat, ix-xhud m’gharafx iwiegeb. Qal li l-imptuat kien qallu li waqt li kien hiereg, sabbatlu l-bieb f’wiccu u fil-fatt laqatlu idejh u kien minhabba f’hekk li rrabbja. Qal li idejh inqabditlu bejn il-bieb w il-hajt. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi feriti ix-xhud wiegeb li kellu feriti hfief. Mistoqsi jekk l-imputat tahx xi kwerela fil-konfront ta’ Francis Fava, x-xhud wiegeb fl-affermattiv u hu kien ghaddiha l-ghassa sabiex tigi nvestigata.

**Dottor Raphael Fenech Adami xehed** nhar s-sebgha ta’ Dicembru 2005 [fol 18] u qal li xi zmien ilu kien r-Registru tal-Qorti u semgha speci ta’ storbju gej minn hdejn il-bieb tal-gemb u mar jittawwal biex jara x’kien gara u ra lil imputat odjern u lil Fancis Fava f’xulxin hdejn il-bieb ta’ barra tal-gemb u mar jferraqhom. Mistoqsi kif beda l-incident, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf u lanqas kien jaf fuq x’hiex kien beda. Qal li kull ma ghamel hu kien li ferraqhom.

**L-imputat Jason Tabone xehed** nhar l-ghaxra ta’ April 2006 [fol 25] fejn qal li kien ghadda ittra lil Ispettur tad-distrett tal-Belt Valletta sabiex jittiehdu passi fil-konfront ta’ Francis Fava u esibixxa kopja tal-kwerela relattiva li giet mmarkata bhala dokument S [fol 27]. Mistoqsi jispjega l-incident li sehh bejnu u bejn Francis Fava nhar l-ewwel ta’ Marzu 2005 ix-xhud beda biex jghid li ghal habta ta’ nofsinhar neqsin kwart hu kien qed jaqsam mill-Qorti tal-Familja ghar-Registru tal-Qorti biex jigbor xi process ghas-Sur Mahoney u kif kien hiereg ra lil Francis Fava jghajjat ma persuna. Qal li din il-persuna kienet certa Ruth Mercieca li kienet tahdem l-Qorti wkoll. Zied jghid li Ruth Mercieca qaltlu biex jghamlilha pjacir u jghajjat lil certa Eunice Fiorini, mpjegata ohra tal-Qorti, ghaliex riedet tkellimha peress li Francis Fava ma kienx halliha tidhol. Qal li hu qal lil Francis Fava li Ruth Mercieca kienet tahdem maghhom u dan dar fuqu u qallu biex ma jindahalx. Qal li dak l-hin kelma qallu lil Francis Fava, u

hu rrispondih mija.  Zied jghid li hu mar jghajjat lil Eunice Fiorini biex jghidilha li kien hemm Ruth Mercieca qed tistenniha barra u waqt li kien hiereg, ghadda minn quddiem Francis Fava biex johrog mill-bieb li jinfed ghal hdejn l-Emabssy Complex fi Strada Santa Lucija, u Francis Fava qallu biex ma jindahalx f’xogholu ghaliex xogholu hu kien jaf jghamlu.  L-imputat kompla jghid li hu kien irrisponda lil Francis Fava biex darb’ohra ma jghajjatx mieghu ghaliex hazin kien ikun ghalih u kif kien ser johrog mill-bieb, Francis Fava mar fuqu u beda joffendih u qabad u sabbat il-bieb u Francis Fava ghalaqlu idejh fil-bieb.  Qal li hu rega’ fetah l-bieb u gie wicc imb’wicc ma Francis Fava li ghamillu jdejh ma wiccu.  Qal li hu dak l-hin kien mugugh minhabba li kien ghalaq idejh fil-bieb w imbotta lil Francis Fava lil hinn u f’daqqa wahda gew xi avukati u waqqfuhom.  Qal li l-bieb in kwistjoni jinfetah lejn t-triq.  L-imputat esibixxa certifikat mediku li jindika l-feriti li sofra meta Francis Fava ghalaqlu l-bieb fuq idejh li gie mmarkat bhala dokument ‘X’ [fol 28].  Ikkonkluda u qal li ma kienx mar ghal Francis Fava u li kien hu li kien mar ghalih.

**Ruth Mercieca xehdet** nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 2006 [fol 34] u qalet li jum fost l-ohrajn kienet marret l-Qorti sabiex taghti ktieb lil Eunice Fiorini, habiba taghha li tahdem l-Qorti u kif kienet diehla mill-bieb li jinsab quddiem l-Embassy Complex fi Strada Santa Lucia, Francis Fava waqqafha.  Qalet li dak l-hin kien ghaddej l-imputat odjern u qaltlu biex jghajjat lil Eunice Fiorini biex taghtiha l-ktieb.  Ziedet tghid li sussegwentement intqal xi diskors bejn Francis Fava u l-imputat u waslet Eunice Fiorini u baqghu jitkellmu bejniethom.  Qalet li ma kienetx taf jekk l-imputat qalx lil Francis Fava biex ihalliha tidhol ghaliex kienet tahdem l-Qorti.  Mistoqsija jekk Francis Fava tpastasx jew gholla lehnu ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat tawwal ilsienu ma’ Francis Fava waqt li kien qed jghamel servizz billi beda jindikalu xogholu u jghidlu li min ghandu jhalli jghaddi.  Illi Francis Fava xtaq li jahfer lil imputat ta’ dak li ghamillu

pero peress li huwa ufficjal pubbliku, impjegat tal-Qorti, ma setghax jaghmel hekk. **Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed issib lil imputat hati ta' din l-ewwel akkuza**.

**Dwar t-tieni akkuza** l-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti din ma tirrizulta ppruvata w ghalhekk qed tiddikjara li qed **tillibera lil imputat minnha**.

**Dwar t-tielet akkuza**, il-Qorti rat li din il-kontravenzjoni sehhet fl-ewwel ta' Marzu 2005 u l-ewwel notifika li l-Qorti ghandha tal-imputat hija ghal dik tas-seduta tat-tlettax ta' Gunju 2005 w ghalhekk wara li skadew t-tlett xhur w ghalhekk il-Qorti **tiddikjara din l-akkuza preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-Qorti osservat li fil-process ma hemmx fedina penali tal-imputat u ghalhekk dan ghandu jigi meqjuz bhalikieku huwa *a first time offender*.

Rat li l-incident kien wiehed izolat u li sehh f'sahna ta' mument u li l-prosekuzzjoni kkrejat, kif imfisser fil-lingwa Ingliza, *a mountain out of a mole hill*, tant li l-istess Francis Fava li gie nsultat, ried jahfer lil imputat ghal ghemilu.

Ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddikjara <u>li ssib lill-imputat JASON TABONE hati tal-ewwel akkuza</u> kif dedotta fil-konfront tieghu <u>u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum</u> ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibux hati tat-tieni [2] akkuza u tilliberah minnha</u> u <u>tastjeni ghar-ragunijiet fuq imsemmija li tiehu konjizzjoni tat-tielet [3] akkuza</u> u tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-istess**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------